MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 403/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Cini**

**Gerson Orsini**

**Stephen Debono**

**Francis Debono**

**Mario Schiavone**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Anthony Cini, karta ta' l-identita` numru 491175(M), Gerson Orsini, karta ta' l-identita` numru 297888(M), Stephen Debono, karta ta' l-identita` numru 412067(M), Francis Debono, karta ta' l-identita` numru 400643(M), u Mario Schiavone, karta ta' l-identita` numru 400263(M), talli:

(1) nhar-it 12 ta' Awissu 2012, għall-ħabta tas-13:45 hrs, ġewwa Marsaxlokk u f'dawn il-Gżejjer, ikkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Chrsitopher Aber minn Marsaxlokk, u dan skond ma ċċertifika Dr. S. Frendo, M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

(2) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kisru l-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

(3) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kienu fil-pubbliku, qalu kliem li mhux xieraq li jikkonsisti f'dagħa;

Lil Mario Schiavone waħdu talli kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża datata 19 ta' Diċembru 2011 mogħtija mill-Maġistrat Dr. C. Stfarace Zammit, LL.D.;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Awissu 2012 li permezz tagħha, in vista tar-rinunzja tal-kwerelant, iddikjarat il-proċediment eżawrit fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, u fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 338(dd)(bb), 342 u 17(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmijin Anthony Cini, Gerson Orsini, Stephen Debono, Francis Debono, u Mario Schiavone ħatja ta' dawn l-imputazzjonijiet u kkundannathom sittin euro (€60) komplessivament kull wieħed. Fil-konfront ta' Mario Schiavone

sabitu ħati wkoll tar-raba’ imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ordnat li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża ta’ sentejn skond is-sentenza tad-19 ta’ Diċembru 2011 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali jiġi estiz billi l-perijodu ta’ sentejn jibda jiddekorri minn dakinhar tas-sentenza appellata. Inoltre l-ewwel Qorti, fil-konfront ta’ l-imputati kollha, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-midrub u jinżamm il-bon ordni, rabtet lill-imputati kollha taħt penali ta’ elf u tliet mitt euro (€1,300) kull wieħed għal perijodu ta’ sena mid-data tas-sentenza appellata li ma jdejqux lill-imsemmi Christopher Aber u jżommu l-bon ordni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-27 ta’ Awissu 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi: (1) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet ħatja lill-imputati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni; (2) tirrevokaha f’dik il-parti fejn iddikjarat il-proċediment eżawrit fil-konfront ta’ l-ewwel imputazzjoni u minflok issib lill-imputati ħatja wkoll ta’ dik l-imputazzjoni; (3) tirrevokaha wkoll f’dik il-parti fejn tat il-piena u minflok tinfliġġi l-piena idonea u skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta’ Christopher Aber; semgħet it-trattazzjoni ta’ l-Avukat Dott. Mark Vassallo għall-appellati; rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-3 ta’ Novembru 2014; ikkunsidrat:

**5.** Fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, l-Avukat Dottor Mark Vassallo għall-appellati talab li a bażi ta’ l-appell ta’ l-Avukat Ġenerali u peress illi l-ammissjoni ta’ l-appellati ġiet reġistrata wara li kien hemm rinunzja u maħfra min-naħa tal-*parte civile*, l-atti ta’din il-kawża għandhom jintbagħtu lill-ewwel Qorti sabiex l-appellati ma jiġux mċaħħda mid-dritt tad-*doppio esame*. Dwar din it-talba ma baqgħetx issir insistenza. Difatti

fis-seduta tat-28 ta' April 2014 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta nstemgħet ix-xiehda ta' Christopher Aber, ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni. Imbagħad fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2014 quddiem din il-Qorti kif presjeduta l-istess Avukat Dott. Mark Vassallo għall-appellati ddikjara li ma kienx hemm għalfejn li ċ-ċertifikat mediku jiġi kkonfermat bil-ġurament mit-tabiba li rrilaxxjatu u li jista' jittieħed bħala ċertifikat awtentiku. Wara, kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiża ddikjaraw li ma kellhomx provi aktar, l-Avukat Vassallo għamel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar il-mertu tal-każ u ġiet ippreżentata nota ta' sottomissjonijiet mill-Avukat Ġenerali. Inoltre din il-Qorti nnutat mill-verbal tat-13 ta' Awissu 2012 mill-kronoloġija ta' dak li seħħ quddiem l-ewwel Qorti kif rappurtata fl-imsemmi verbal, illi l-appellati (allura imputati) irreġistraw l-ammissjoni tagħhom qabel ma xehed Christopher Aber (u mhux wara, kif ġie reġistrat mid-difensur ta' l-appellati fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013) li, kif hemm rapportat, "irrinunzja għal kull ħaġa li hi rinunzjabbli". F'dawn iċ-ċirkostanzi l-imsemmija talba tat-8 ta' Lulju 2013 qed tiġi miċħuda.

**6.** Issa, l-aggravju prinċipali ta' l-Avukat Ġenerali huwa fir-rigward tal-fatt illi l-ewwel Qorti ddikjarat il-proċediment eżawrit fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni. L-Avukat Ġenerali jgħid illi in vista ta' dak li jipprovdi l-*proviso* ta' l-artikolu 373 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li r-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni ġie kommess flimkien ma' reati oħra li jmissu l-ordni pubbliku, kien jispetta lill-Pulizija li tmexxi, kif mexxiet *ex officio*.

**7.** L-artikolu 373 jipprovdi hekk:

**"373. Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju ta' l-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela ta' l-offiż:**

**Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela ta' l-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li**

**jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat."**

**8.** Fil-każ in eżami l-Avukat Ġenerali għandu raġun. L-appellati ġew akkużati mhux biss li kkaġunaw offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Christopher Aber (reat li, fiċ-ċirkostanzi odjerni, kien jeħtieġ il-kwerela tal-parti offiża skond l-artikolu 221(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), iżda wkoll bil-kontravvenzjonijiet kontemplati fl-artikoli 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn huma kontravvenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku. Konsegwentement il-Pulizija mexxiet l-azzjoni *ex officio* u kwalunkwe maħfra tal-parti leża tista' tinfluwixxi biss fuq il-piena. Għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tiddikjara l-proċediment eżawrit fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement din il-Qorti sejra tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz tagħha l-ewwel Qorti ddikjarat il-proċediment eżawrit fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u tipprovdi dwar il-piena.

**9.** Issa, kif ingħad, l-appellati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom (inkluż l-ewwel imputazzjoni) quddiem l-ewwel Qorti fl-ewwel seduta, jiġifieri fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri. Dakinhar, bħalma ġie osservat fil-paragrafu numru ħamsa (5), Christopher Aber "irrinunzja għal kull ħaga li hi rinunzjabbli". Meta xehed quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, mistoqsi għaliex ħafer lill-appellati, huwa wieġeb: "Ħfirtilhom għaliex għalija l-istorja waqfet hemm u ma kellix għalfejn inkompliha u nkabbarha. L-iżbalji ammettewhom kollha kemm huma u min-naħa tiegħi personali ma kellix għalfejn inkabbar l-istorja." Mistoqsi kellux xi problema magħhom wara dan l-inċident, wieġeb: "Le, le lanqas xejn. Anzi spiċċajna minn dakinhar 'il hawn ironikament spiċċajna anke speċi ħbieb jiġifieri, inċemplu lil xulxin, nitkellmu, eċċ."

**10.** Waqt it-trattazzjoni d-difensur ta' l-appellati ssottometta li dan kien każ ta' rissa u għalhekk għandu japplika l-artikolu 237(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti ma taqbilx. L-ewwelnett meta l-appellati ammettew l-imputazzjonijiet quddiem l-ewwel Qorti dan għamluh inkondizzjonatament. Imbagħad l-appellati ġew identifikati mill-parti leża. Inoltre mid-dvd esebit mill-prosekuzzjoni u li din il-Qorti rat huma identifikabbli numru minn dawk li aggredew lill-parti leża. Għalhekk mhijiex qed tintlaqa' t-talba ta' l-appellati sabiex din il-Qorti tapplika l-imsemmi artikolu 237(d).

**11.** Il-piena applikabbli għall-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta hi dik ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa.

**12.** Issa, huwa minnu illi l-proċediment fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni ma setax jiġi dikjarat eżawrit unikament minħabba l-fatt illi r-reat ikkontemplat f'dik l-ewwel imputazzjoni kien akkompanjat minn reati oħra ta' ordni pubbliku. Ciononostante, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax (wara li, kif ingħad, rat id-dvd esebit) illi mhuwiex aċċettabbli li f'pajjiż li suppost huwa ċivilizzat, in-nuqqas ta' qbil jiġi espress b'atti ta' vjolenza. Mhuwiex aċċettabbli li, għax persuna tkun qed tipprotesta u tipprova tfiehem ir-raġuni tal-protesta jew ilment tagħha, tiġi aggredita minn ċorma nies li jibdew jakkanixxu daqqiet fuqha. Evidentement l-aġir tagħhom nissel tħassib serju f'moħħ terzi preżenti li wkoll kienu marru jipprotestaw b'mod paċifiku, dwar l-inkolumita` fiżika tagħhom. Kif din il-Qorti rrimarkat diversi drabi, il-vjolenza fiżika għandha, bħala regola ġenerali, dejjem iġġib magħha l-piena ta' priġunerija b'effett immedjat. Fortunatament għall-appellati, il-parti leża ħafritilhom – kif spjegat f'paragrafu disgħa. Għalhekk, in vista ta' tali maħfra, din il-Qorti mhijiex sejra tinfliġġi piena ta' priġunerija iżda dik pekunjarja. F'dar-rigward jingħad ukoll illi huwa applikabbli l-artikolu 17(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

---

[1] Hija applikabbli l-ewwel parti ta' l-artikolu 17(d) li tipprovdi: **"persuna ħatja ta' delitt wieħed jew aktar u ta' kontravvenzjoni waħda jew aktar, tiġi ikkundannata biss għall-piena stabbilita għad-delitt jew għall-piena li jkun imissha tingħata lill-ħati minħabba l-konkors ta' aktar minn delitt wieħed skont ir-regoli stabbiliti fil-**

**13.** Kwantu għall-appellat Mario Schiavone li ġie akkużat bi ksur ta’ sentenza sospiża ta’ priġunerija, l-ewwel Qorti kienet ordnat li l-perijodu operattiv jiġi estiż billi l-perijodu ta’ sentejn jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata. Fuq dan il-punt l-Avukat Ġenerali ma appellax. Għalhekk dik il-parti tas-sentenza appellata se tiġi kkonfermata.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta’ l-Avukat Ġenerali billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ddikjarat il-proċediment eżawrit fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni u in kwantu kkundannat lill-istess appellati għall-ħlas ta’ *ammenda* ta’ sittin euro (€60) kull wieħed dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u minflok, u wara li rat l-artikoli 221(1), 338(bb), 338(dd), 342 u 17(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, issib lill-appellati ħatja wkoll ta’ l-ewwel imputazzjoni u tikkundannahom għall-ħlas ta’ multa ta’ elf euro (€1,000) kull wieħed minnhom. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan illi l-obbligazzjoni li biha l-appellati ntrabtu quddiem l-ewwel Qorti biex iżommu l-kwiet ma’ Christopher Aber u biex iżommu l-bon ordni pubbliku ma’ kulħadd għal perijodu ta’ sena jibda jiddekorri millum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

**paragrafi ta’ qabel dan, jekk il-piena li jmissha tingħata għad-delitti ma tkunx anqas minn tliet xhur priġunerija.”**